**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat: Dr. Simone Grech B.A. LL.D. Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Kumpilazzjoni numru 11/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Mark Mercieca)**

**Vs**

**Noel Attard**

Illum 19 ta' Jannar 2024

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Noel Attard ta' 37 sena, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 0028681G li permezz tagħhom ġie akkużat talli:

**"....ġewwa dawn il-gzejjer nhar l-1 ta' Marzu 2019, kif ukoll fix-xhur ta' qabel din id-data;**

*1. Kellu fil-pussess tieghu id-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;*

*U aktar talli, bejn il-perjodu tal-1 ta' Awwissu 2018, u l-1 ta' Marzu 2019:*

*2. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-*

*dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*3. Biegh jew xort' ohra ttraffika l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur tal-Art 8 (e) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*4. Ipproduca, biegh jew xort' ohra ttraffika r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi dina r-raza, u dan bi ksur tal-Art 8 (b) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*5. ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta'Malta;*

*Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti;*

*Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali datat it-2 ta' Marzu 2019, ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) li permezz tiegħu, ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwieġeb għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat is-7 ta' Frar 2022, permezz ta' liema din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta kif ukoll l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smigħ mill-ġdid tal-provi ġia mismugħa minn din il-Qorti diversament preseduta;

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti (diversament preseduta) fejn din l-istess Qorti assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat in-nota ppreżentata mill-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li nqabdu bid-Droga li permezz tagħha l-Bord informa lil din il- Qorti li l-imputat odjern għamel progress kbir u l-Bord huwa sodisfatt bil-proċess ta' riabilitazzjoni ta' l-imputat bil-konsegwenza li dan il-każ ġie kkunsidrat bhala magħluq b' suċċess.

Rat dak li ġie vverbalizzat mill-Uffiċjal Prosekutur fis-27 ta' Novembru 2019 fejn dan iddikjara li l-imputat għandu jibbenefika mill-provvediment tal-Artikolu 29 tal-Kap.101, ta' l-Liġijiet ta' Malta, stante li huwa rrilaxxa stqarrija ġuramentata liema stqarrija tgħin lil Pulizija fl-investigazzjonijeit tagħha dwar terzi.

Semgħet l-ammissjoni ta' l-imputat fir-rigward ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet li ġiet ikkonfermata minnu wara li ngħata zmien raġjonevoli biex jirrikonsidra u wara li ġie spjegat lilu l-piena li tista' tiġi kkundannata ai termini ta' l-imputazzjonijiet li bihom qed jiħi akkużat;

Semgħet trattazzjoni dwar il-piena;

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebieti;

Rat li ġie vverbalizzat mill-Prosekuzzjoni illi in vista tal-fatt li l-imputat ghamel b'suċċess il-proċess ta' riabilitazzjoni, il-piena ma għandhiex tkun wahda karċerarja.

Rat l-atti kollha ta' din il-kawża.

**Ikkunsidrat**

In vista ta' l-ammissjoni ta' l-imputat, din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex triq ohra għajr li ssib htija fl-imputat għal dak li għandu x' jaqsam ma' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet.

Fir-rigward tal-ħames imputazzjoni li tirrigwarda l-aggravju tal-mitt metro, mill-atti proċessali jirriżulta li nonostante r-rapport ippreparat mill-Perit Claude R Mallia, u eżebit bhala Dok CRM1, l-uniku bini partikolari li ġie osservat kien il-Milan Supporters Club Gozo. Madanakollu, id-difiza resqet lil Steve Cassar li huwa l-president ta' dan l-istess klabb li kkonferma bil-ġurament tiegħu li dan il-klabb fetah fil-11 ta' Settembru 2019 u ċioe' zmien wara d-dati ndikati fl-imputazzjonijiet odjerni. Għaldaqstant nonostante l-kontenut tar-rapport tal-perit tekniku nkarigat minnha, ma tqisx li din il-ħames imputazzjoni ġiet ippruvatha u għalhekk sejra tillibera lil imputat minnha.

Illi ai fini ta' piena dina l-Qorti qieset l-imputazzjonijiet li tagħhom il-qua imputat qed jinsab ħati kif ukoll iċ-ċirkostanzi relatati mal-istess, l-fedina penali tiegħu, ix-xhieda ta' Maria Caruana in rappreżentanza tal-Caritas. Qieset ukoll il-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni għalkemm dina saret fl-

aħħar stadji tal-proċeduri. Qieset ukoll li r-reati li tagħhom ser jinstab ħati l-imputat, huma sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza li l-imputat kellu dak iz-zmien ta' l-imputazzjonijiet odjerni. Mill-atti proċesswali jirriżulta li din il- Qorti assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-droga fit-termini tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u rreferiet lill-qua imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li nqabdu bid-droga. Irrizulta li l-imputat ikkonkluda l-proċess quddiem dan il-Bord b' suċċess u li l-andament u progress tiegħu huwa wiehed ferm pozittiv. Illi ċertament, dawn il-fatturi kollha ghandhom jittieħdu in konsiderazzjoni u ċertament ukoll li lkoll ser ikunu riflessi fil-piena jew sanzjoni li l-Qorti tinfliġġi. Għaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fehma li b'applikazzjoni tas-subartikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta ghandha tinfliġġi piena alternattiva minn dik ta' priġunerija effettiva.

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn il-mottivi, dina l-Qorti, wara li rat it-Taqsima III, IV u VI, l-artikoli 8(b), 8(e), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolament 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17(b) u (f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta qed tillibera lill-qua imputat mill-ħames imputazzjoni filwaqt li qed issib lill-istess imputat ħati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu fuq ammissjoni tieghu stess. Konsegwentament, l-Qorti qed tikkundana lill-istess imputat għal multa ta' hames mitt Ewro (EUR 500) u għall-perjodu ta' sitt xhur priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fi zmien sena millum.

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qegħda tordna lill hati sabiex iħallas l-ispejjez fl-ammont ta' EUR 855.83c (spejjez imħallsa lil Jonathan Mizzi); EUR 314.30c (spejjeż mħallsa lil Godwin Sammut); EUR 98.40c (spejjeż imħallsa lil PC 302); EUR 991.20c (spejjeż mħallsa lil Dr Marisa

Cassar); EUR 137.75c (spejjeż mħallsa lil PC 169 ); EUR 299.84c (spejjeż mħallsa lil Perit Claude R Mallia), fi zmien tlett xhur millum.

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u dan fid-dawl tad-dettami tas-subartikolu (8) ghal artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fl-ahhar nett, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga eżebita, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-harsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawza sa mhux aktar tard minn ħmistax-il jum (15) minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem ċar ir-responsabbilita' tiegħu taħt l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza hawn fuq indikat.

(ft.) Dr. Simone Grech

Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur